Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8739 — Kuraray/PTTGC/Sumitomo/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 151/10)

1. Fit-23 ta' April 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Kuraray Co., Ltd ("Kuraray", il-Ġappun),

— PTT Global Chemical Public Company Ltd ("PTTGC", it-Tajlandja),

— Sumitomo Corporation ("Sumitomo", il-Ġappun), u

— Joint Venture ("JV", it-Tajlandja)

Kurray, PTTGC u Sumitomo jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża konġunta (joint venture).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— l-impriża Kuraray: il-manifattura ta' kimiċi ta' speċjalità, fibri u materjali oħra.

— PTTGC: operazzjonijiet fin-negozji tal-petrokimiċi u l-gass naturali negozji, kummerċ u distribuzzjoni ta' fjuwils fossili u prodotti kimiċi,

— Sumitomo: attivitajiet kummerċjali diversifikati, inkluż in-negozju ta' prodotti tal-metall, it-trasportazzjoni u l-kostruzzjoni ta' sistemi, l-ambjent u l-infrastruttura, il-kimiċi u l-elettronika, il-midja, netwerks u oġġetti relatati mal-istil ta' ħajja, riżorsi minerali u l-enerġija, u

— il-JV: il-manifattura u l-forniment ta' poljamidi ta' prestazzjoni għolja u blokki ta' kopolimeri tat-tip istreniku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż ([2]).

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8739 — Kuraray/PTTGC/Sumitomo/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:

COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks:

+32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.